MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 687/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' estera CGU Insurance p.l.c., kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurata taghha Paul Scerri u l-istess Paul Scerri**

**vs**

**Michel Bartolo**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 15 ta' Novembru, tas-sena 2002 li permezz tieghu is-socjeta' attrici nomine et sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-**

**31 ta' Ottubru tas-sena 2001 gewwa Haz-Zebbug meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru. MSO 148 minhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mal-vettura numru NRU. EAH 837 propjeta' ta' Paul Scerri u misjuqa minn Josef Agius, u kkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' elf, hames mija u sitta u tletin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (LM1536.67) u dana in kwantu ghas-somma ta' elf tlett mija u sitta u tletin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (LM1336.67) lis-socjeta' attrici assikuratrici u dawk tal-attrici l-ohra Paul Scerri fis-somma ta' mitejn Lira Maltin (Lm200.00,0) jew somma ohra verjuri bl-opra ta' periti nominandi;**

**3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (LM15.00,0), ta' ittra Ufficjali tad-19 ta' Novembru tas-sena 2001 u ta' Ittra Ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici nomine et sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-11 ta' Gunju tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici nomine et bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------